**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA (Sede Kostituzzjonali)**

**ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 621/21 MH**

**Nicholas Gatt (394752M)**

**Vs**

**Onor.Ministru Tal-Ġustizzja, L-Ugwaljanza u L-Governanza li b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2021 ġie sostitwit bis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja U L-Governanza,**

**Onor. Ministru tas-Saħħa li bl-istess digriet ġie sostitwit bis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa**

**L-Avukat tal-Istat**

**Is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika**

**Illum, 3 ta' Marzu 2023.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent Nicholas Gatt tad-29 ta' Settembru, 2021 li permezz tiegħu espona li:

*"Illi r-rikorrent nhar il-10 ta' Marzu 2021 ingħata Avviż ta' Kontravvenzjoni, maħruġ mil-*Environmental Health Directorate*, talli naqas milli josserva b'mod strett l-ordni tal-iżolament personali tiegħu kif*

*meħtieġ mis-Supretindent tas-Saħħa Pubblika. Dan in-nuqqas iġorr miegħu multa ta' għaxart elef (10,000) Euro (Dok A);*

1. *Illi xi żmien wara, r-rikorrent irċieva Taħrika fuq Avviż ta' Rejat, permezz ta' liema taħrika r-Rikorrent ġie ordnat jidher personalment quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja fit-Tribunal Lokali Nofsinhar, fl-1 ta' Ġunju 2021 (Dok B);*

2. *Illi l-azzjoni kontra r-Rikorrent hija bbażata fuq l-artiklu 44A tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta, u fuq l-inklużjoni fl-iSkeda ta' Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta (Dok C u D);*

3. *Illi r-Rikorrent fid-dehra quddiem it-Tribunal Nofsinhar tal-1 ta' Ġunju 2021, permezz ta' l-Avukat ta' fiduċja tiegħu, issolleva numru ta' eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fosthom illi l-proċeduri kontrih imorru kontra l-artiklu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan għaliex l-Avviż ta' Kontravvenzjoni, il-multa ta' għaxart elef Euro (€10,000) u t-taħrika sussegwenti jammontaw għal akkuża ta' rejat kriminali li jesiġi smigħ minn qorti ndipendenti mwaqqfa b'liġi, kif ġie kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta tat-3 ta' Mejju 2016 (Rikors Kostituzzjonali 87/2013 JPG) Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et (Dok. I);*

4. *Illi fis-smigħ tal-1 ta' Ġunju 2021 ġie osservat ukoll mir-Rikorrent (dejjem permezz tar-rappreżentant legali tiegħu) illi l-Gvern tant huwa konxju tal-ksur tal-artiklu 39, illi saru żewġ attentati leġiżlattivi biex din is-sitwazzjoni illegali u anti-kostituzzjonali titranġa: il-Gvern l-ewwel għoġbu jressaq l-abbozz numru 166*

*ippubblikat fis-Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern f' Ottubru 2020 (Dok E), liema abbozz m'għaddiex mil-Parlament, u għalhekk tressaq l-abbozz numru 198 li ġie ppublikat fis-*supliment tal-*Gazzetta tal-Gvern fi Frar 2021 (Dok F);*

5. *Illi wara s-smigħ, fuq talba tal-*Kummissarju tal-*Ġustizzja, l-Avukat tar-Rikorrent bgħat bl-email kopji ta' xi dokumenti relevanti (Dok G);*

6. *Illi l-punti hawn fuq imsemmija ġew ripetuti fis-*seduta tal-*1 ta' Settembru 2021, meta l-każ tar-Rikorrent għal raġunijiet mhux magħrufa mir-Rikorrent, spiċċa quddiem Kummissarju tal-Ġustizzja ieħor li, wara li ngħata resume' ta' l-*ewwel seduta, *fuq talba tal-avukat tar-Rikorrent għoġbu jiddiferixxi għal-*kontinwazzjoni tas-*smigħ għas-16 ta' Settembru 2021;*

7. *Illi permezz ta' sentenza bid-data 16 ta' Settembru 2021, li ngħatat mill-*Kummissarju *tal-Ġustizzja li r-*Rikorrent deher *quddiemu fl-1 ta' Ġunju 2021 (għaliex il-każ reġa' mar għandu) l-eċċezzjoni preliminari hawn fuq deskritta ġiet miċħuda, fi ftit kliem għaliex il-*Kummissarju *tal-Ġustizzja huwa awtorizzat jisma' l-każ bis-saħħa ta' Att tal-*Parlament (Dok H);

8. *Illi fid-dawl tal-fatt li t-Tribunal Lokali għoġbu jiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tar-*Rikorrent, *il-każ kompla jinstema' inkluż fuq il-merti dakinhar stess jiġifieri fis-16 ta' Settembru 2021. Preżentement is-smigħ huwa differit għat-2 ta' Novembru 2021;*

9. *Illi mis-sentenza preliminari tas-16 ta' Settembru 2021 ħareġ biċ-ċar illi d-drittijiet fundamentali tar-Rikorrent ma ġewx, u m'humiex se jiġu, ssalvagwardjati, u fil-fatt ġew miksura għaliex il-każ instema' anke fil-merti mill-istess Tribunal u b'hekk ir-Rikorrent iċċaħħad mid-dritt li bħala persuna akkużata b'rejat kriminali jinstema' minn* **Qorti** *indipendenti mwaqqfa b'liġi, u dan meta r-Rikorrent huwa ffaċċjat b'piena li skont kif irrappurtat fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali stess (Federation of Estate Agents, Qorti Kostituzzjonali p.8 abbażi ta' l-Engels Criteria kif ukoll fid-dawl ta' sentenzi bħal Bendenoun v. France) :*

i. *Japplika għaċ-ċittadini kollha u mhux għal xi grupp speċifiku,*
ii. *Il-multa m'hijiex intiża għal kumpens pekunarju għal dannu soffert, iżda kienet essenzjalment piena li tikkostitwixxi deterrent,*
iii. *Il-multa kienet imposta b'regola ġenerali bi skop punittiv u li jservi ta' deterrent,*
iv. *Il-multa kienet waħda ta' entita' konsiderevoli;*

*u għalhekk tammonta għal offiża intrinsikament ta' natura kriminali li kellha tinstema' minn Qorti mwaqqfa b' liġi liema qrati mwaqqfa b' liġi huma dawk li jissemmew fl-artikli 95 u 99 tal-Kostituzzjoni u ma jinkludux it-Tribunali Lokali Nofsinhar jew il-Kummissarju tal-Ġustizzja.*

*Għaldaqstant ir-Rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi jgħidu l-Konvenuti għaliex m'għandhiex:*

1. ***Tiddikjara*** *u* ***Tikkonferma*** *illi l-artiklu 44A tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-inklużjoni fl-iSkeda ta' Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta, huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. *Konsegwentement* ***Tiddikjara*** *u* ***Tiddeċiedi*** *illi l-istess artiklu 44A tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-inklużjoni fl-iSkeda ta' Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta huma nulli u bla effett għall-finijiet kollha tal-Liġi u dan skont l-artiklu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

3. ***Tiddikjara*** *illi l-proċeduri legali istitwiti kontra r-Rikorrent quddiem it-Tribunal Lokali Nofsinhar u t-tkomplija ta' l-istess proċeduri qed jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent taħt l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

4. ***Tiddeċiedi u Tiddikjara*** *illi l-proċeduri mibdija kontra r-Rikorrent permezz tal-Avviż ta' Kontravvenzjoni tal-10 ta' Marzu 2021 huma nulli u/jew m'għandhomx effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

5. ***Tiddikjara u tiddeċiedi*** *illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet l-artiklu 44A tal-Kap. 465 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-inklużjoni fl-iSkeda ta' Kap. 291 tal-Liġijiet ta' Malta.*

6. ***Tikkundanna*** *lill-intimati jew min minnhom jħallas l-istess kumpens u danni likwidati.*

*Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni ta' l-intimati għas*-subizzjoni*".*

Rat ir-risposta[1] tal-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u l-Governanza, l-Onorevoli Ministru tas-Saħħa, l-Avukat tal-Istat u s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika li bil-korrezzjonijiet ordnati mill-Qorti a fol 59 l-ismijiet ta' tnejn mill-intimati nbidlu għal Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Governanza u Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa b'liema risposta l-intimati eċċepixxew bir-rispett li -:

> *"1. Illi in linea preliminari u fl-ewwel lok, l-esponenti Ministru tal-Ġustizzja u Governanza, u kif ukoll il-Ministru tas-Saħħa jeċepixxu illi huma m'humiex il-leġittimi kontradditturi ghat-talbiet odjerni stante illi r-rappreżentanza ġuridika ta' ministeru hija vestita fis-segretarju permanenti fi hdan il-ministeru rispettiv u mhux fl-Onorevoli Ministri imħarrkin f'din il-kawża, u dan ai termini tal-***artikolu 17 (8) tal-Kap. 595 tal-Ligijiet ta' Malta***. Konsegwentament l-esponenti Ministru tal-Ġustizzja u Governanza u kif ukoll il-Ministru tas-Saħħa għandhom minnufih jiġu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;*
>
> *2.Illi in linea preliminari u fit-tieni lok, is-Superintendent tas-Saħħa Pubblika m'hijiex il-leġittimu kontradittur stante illi l-liġi in kwistjoni* ***ma ġietx promulgata mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika****;*

[1] Fol 61-63 tal-proċess

3.Illi in linea preliminari u fit-tielet lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi l-azzjoni ġudizzjarja. hekk kif imposta tant hija neboluża illi hija improponobbli. Dan għaliex it-talbiet tar-rikorrent ma jistgħu qatt jintlaqgħu kollha kemm huma peress li huma **azzjonijiet ġudizzjarji ta' natura differenti**. Illi fil-waqt li n-natura tal-kawża hija inter partes, it-tieni talba tikkostitwixxi talba li jista' jkollha effett erga omnes. Illi in linea mal-prinċipju electa una via non datur recursus ad alteram,din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara l-azzjoni odjerna bħala waħda monka, u konsegwentement l-azzjoni kif dedotta hija nulla u bla effett;

4.Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, preliminarjament u fir-raba' lok, l-esponenti jeċċepixxu li din l-azzjoni hija waħda **intempestiva stante illi r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedju ordinarju** li tagħtih il-liġi. Illi l-prinċipji li jirregolaw il-materja tat-twettiq ta` rimedji ordinarji fl-isfond tal-azzjonijiet kostituzzjonali jinsabu fl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta. Fihom insibu speċifikat li l-qorti b`kompetenza kostituzzjonali għandha tirrifjuta milli tinqeda b`dawn is-setgħat speċjali mogħtija lilha mil-liġi, jekk kemm-il darba hija tkun sodisfatta li kien hemm disponibbli mezzi xierqa ta` rimedju taħt il-liġi ordinarja biex jindirizzaw il-pretensjonijiet tar-rikorrent. Illi l-proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja għadhom għaddejin, l-eżitu ta' liem jista' jiġi appellat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, liema qorti terġa tisma' l-kawża anke fil-mertu. Għaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, u dan ai termini tal-artikolu 46(2) tal-

*Kostituzzjoni u l-proviso għall-artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta` Malta stante l-eżistenza ta` mezzi ordinarji ta` rimedju;*

*5.Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent kollha stante li huma* ***infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt****, kif ser jigi muri fil-mori tal-kawża, u dan għar-raġunijiet segwenti mingħajr preġudizzju għall-xulxin;*

*6.Illi l-fatt li kien hemm żewġ abbozzi ta'liġi, senjatament l-abbozz numru 166 tal-2020 u l-abbozz 198 tal-2020, ma joħloq ebda stat fil-konfront tal-partijiet u ma jfissirx li hemm ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Illi magħdud ma dan l-abbozzar tal-liġijiet huwa parti mill-proċess demokratiku u ma jfissirx illi hemm sitwazzjoni illegali jew anti-kostituzzjonali;*

*7.Illi fil-kuntest tal-jedd għal-smigħ xieraq, kif stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, biex tinsab leżjoni ta' dan id-dritt kif imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalità kollu tiegħu. Allura l-ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq imqanqal mir-rikorrent jista' jiġi biss eżaminat ladarba l-proċess tiegħu jiġi magħluq;*

*8.Illi l-Att dwar il-Kummissarju għall-Ġustizzja jistipula illi l-ħlas ta penali jsir biss wara li persuna tkun ħatja ta' reat u konsegwentement*

*il-penali tkun biss eżekuttiva meta l-proċeduri ġudizzarji jkunu eżawriti;*

*9.Illi b'referenza lejn it-tieni talba u mingħajr preġudizzju għas-suespost, azzjoni sabiex liġi tiġi dikjarata nulla u bla effett ma ssirx ai termini tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni. Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad t-tieni talba tar-rikorrent;*

*10.Illi b'referenza lejn il-ħames u s-sitt talba, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti ssib xi ksur, il-kawża odjerna ma timmerita l-għotja ta' ebda kumpens. Dan anke tenut kont illi l-proċeduri kontra r-rikorrenti inbdew stante l-aġir tar-rikorrent, liema agir huwa unikament u esklussivament imputabbli lilu, bi ksur tal-liġijiet tas-saħħa pubblika, speċifikament ksur tal-kwarantina waqt li hu kien pożittiv għall-COVID-19;*

*11Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

Talbu *li "...fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.*"

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Rat il-provi tal-partijiet.

Rati n-Noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet[2]

Rat li l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza.

Ikkonsidrat

1. Il-Kaz

Illi r-rikorrenti ressaq lanjanzi ta' natura Kostituzzjonali n kwantu jallega li qed jiġu miksura d-drittijiet fundamentali tiegħu bil-multa ta' għaxar t'elef Ewro inflitta fuqu talli naqqas li josserva ordnijiet inflitti mis-Supretindent tas-Saħħa Pubblika ta'iżolament personali waqt iż-żmien tal-pandemija. Huwa ma ħallas l-imsemmija multa imma għadda biex jikkontesta l-istess quddiem it-Tribunal ta' Nofs In-Nhar li caħad l-eċċezzjoni ta' natura preliminari mressqa mir-rikorrenti li kienu qed jiġu lezi d-dritijiet fundamentali tiegħu ai terminu ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.

Illi eventwalment, għaliex il-Kummissarju tal-Ġustizzzja baqgħet tisma il-kawza wara li ddeċidiet l-eċċezzjoni msemmija, l-istess ġie infurmata mir-rikorrenti odjern li kieneu ġew intavolati dawn il-proċeduri deżzmina. B'digriet tat-Tribunal[3] ġiet sospiża il-prolazzjoni tas-sentenza pendentil-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

2. Il-Provi Prodotti.

[2] Fol 226 et seq u 237 et seq

[3] Folio 124

i-Ir-rikorrent preżenta affidavit[4] fejn huwa qal li kien ingħata Avviż ta' Kontravenzjoni maħruġ mill-Environmental Health Directorate talli naqas milli josserva b'mod strett ordni tal-iżolament personali kif meħtieġ mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u kien infurmat li n-nuqqas kien iġorr miegħu multa ta' għaxart elef euro. Infurmawh ukoll li seta' jew iħallas il-multa jew jappella mill-istess multa. Hu ma ħalalshiex għax iddeċieda li jappella.

Xi żmien wara huwa rċieva xi taħrika li biha kien ordnat jidher quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja fit-Tribunal Lokali. Huwa deher fid-data indikata flimkien mal-avukat tiegħu li qajjem numru ta' eċċezzjonijiet preliminari fosthom li tali multa ma tistax titqies a *petty offence* u għalhekk l-akkuża tammonta għal waħda ta' reat kriminali u għalhekk għandha tinstema' quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja. Is-smigħ kien differit iżda f'din id-data sabu ruħhom quddiem Kummissarju ieħor. Dan il-Kummissarju kkonferma li ser jisma' l-każ hu u li ma kienx ser jagħti deċiżjoni preliminari iżda li kien ser jisma' l-merti u jagħti sentenza waħda li tkopri kollox. Il-każ kien differit u r-rikorrent reġa' sab ruħu quddiem il-Kummissarju li kien deher quddiemu l-ewwel darba. Il-Kummissarju qrat id-deċiżjoni preliminari tagħha fis-16 ta' Settembru 2021. Il-Kummissarju ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari a skorta tar-ragunament lit-Tribunal kien qed jimxi skont liġi li għaddiet mill-Parlament. Minn hemm it-Tribunal għadda biex jisma x-xhieda u l-provi prodotti.

B'hekk ir-rikorenti huwa tal-ħsieb li qed jinkissru d-drittijiet kostituzzjonali tiegħu u kien għalhekk li ntavola ir-rikors in deżami.

[4] Folio 66

Huwa talab li s-smigħ quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja fit-Tribunal Nofsinhar jiġi sospiż.[5] Fil-fatt it-Tribunal laqa' l-istess talba pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

Igħid li ġie infurmat li akkużi bħal tiegħu kienu ġew annullati mill-Qorti tal-Maġistrati għaliex irriżulta li l-Aġenzija għas-sistema ta' Infurzar Lokali u t-Tribunali lokali mhumiex awtorizzati bil-liġi li jinfurzawhom (Qorti tal-Maġistrati 20 ta' Jannar 2022).

ii-Fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2022 Dr. Caruana Debrincat informa lill-Qorti li l-proċeduri quddiem it-Tribunal Nofsinhar għadhom pendenti.[6] Dr Borg – għall-Avukat tal-Istat – ippreżenta affidavit seduta stante. Dan huwa tal-Profs Charmaine Gauci[7].

iii-Il-Professur Charmaine Gauci preżentement Supretendent tas-Saħħa Pubblika, qalet li kellha rwol konsultattiv fl-Att X tal-2020 li introduċa l-artikolu 44A fl-Att Dwar is-Saħħa Pubblika, Kap 465. Żdiedu ukoll ir-Regolamenti tal-2020 dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-iżolament personali ta' persuni li għandhom dijanjosi misjuba fl-Iskeda tal-Kap 291. Żiedet li dawn il-liġjiet u emendi kienu saru minn żewġ ministri u li għalhekk hija ma setgħetx twieġeb għal azzjoni dwar il-validita' ta' Liġijiet jew il-validita' ta' proċeduri quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja. Tgħid li l-għan ta' dawn il-Liġijiet huwa sabiex nies li ġew infettati bil-COVID-19 ma jkomplux ixerrdu l-virus. L-iżolament tan-nies infettati huwa fondamentali sabiex il-pandemija tiġi kkontrollata u dana dejjem skont il-linji gwida maħruġin mill-Għaqda Dinjija tas-Saħħa u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard.

[5] Digriet a Fol 124.
[6] Fol 223
[7] Folio 224

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**3.i L-Ewwel Eċċezzjoni**

Fl-eċċezzjonijiet tagħhom l-intimati jissottomettu li l-Onor Ministru tal-Ġustizzja u l-Onor Ministru tas-Saħħa għandhom jiġu minnufih liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Minħabba l-bidla fl-okkju skont il-verbal tat-8 ta' Novembru 2021 din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata u l-intimati ma baqgħux jinsistu fuqha skont in-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom.

**Konsegwentement il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess.**

**ii. It-tieni eċċezzjoni**

Din titratta il-locus standi *qua* legittimu kontradittur tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika biex tirrispondi għal din ix-xilja.

F'dan ir-rigward il-Qorti se tagħmel referenza għal kazistika nostrali li tgħallem ripetutament minn hu l-leggittimu kontradittur nbiex jirrispondi għal lanjanzi ċivili, kostituzzjonali u konvenzjonali. Għalkemm mhux l-istess fatti specie tal-kaz in eżami pero iċ-ċitazjoni li se ssegwi tagħti spjegazzjoni legali ċara ta'minn għandu jirrispondi għat-talbiet mressqa:-

*"L-Aggravji*

*L-Ewwel Aggravju*

*14. Ir-rikorrent isostni illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa l-legittimu kontradittur tat-talbiet tieghu u l-ewwel Qorti ma messitx liberatu mill-osservanza tal-gudizzju. L-intimati wiegbu illi biex jigi determinat jekk "persuna gietx imharrka b'mod tajjeb jew le, wiehed irid ihares b'mod esklussiv lejn dak li qed jintalab minn min fetah il-kawza."*

*F'dan il-kuntest, l-ewwel Qorti qieset illi, permezz tal-azzjoni tieghu, ir-rikorrent qieghed jattakka l-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tieghu, u mhux xi azzjoni diretta tal-Kummissarju tat-Taxxi.*

*15. L-Artikolu 181B, li hija d-dispozizzjoni fil-kodici fuq indikat intiza biex tirregola r-rapprezentanza tal-Gvern fl-atti gudizzjarji, tipprovdi kjarament li r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment koncernat kif ukoll, f'certu oqsma, fil-persuni indikati fil proviso tal-istess Artikolu u, fil-kazijiet li ma jaqghux taht l-ewwel subinciz, allura r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Generali.*

*16. Din il-Qorti tosserva illi r-rikorrent, fir-rikors promotur, qieghed jimpunja inter alia is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa daqstant evidenti li l-ilmenti tar-rikorrent taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huma msawra fuq it-totalita` tal-process fil-kaz tieghu u ghalhekk ukoll fuq id-dewmien konsistenti fit-trapass ta' tmien snin qabel il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jressaq lir-rikorrent bl-azzjoni kriminali taht il-Kap. 372 u l-Avviz Legali 88 tal-1998. 17. Din il-Qorti tosserva li, irrispettivament mill-kwistjoni jekk ghandux ragun jew le ir-rikorrent fil-mertu tal-ilment tieghu dwar il-ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, xejn ma jista' jwarrab il-fatt li r-rikorrent jattribwixxi, in parte, il-ksur lamentat taht dawn l-artikoli lill-intimat il-Kummissarju tatTaxxi Interni bil-proceduri kriminali migjuba fuq talba tieghu. Ir-rikorrent mhux qed jattakka biss l-operat tal-Qorti, izda wkoll l-operat (jew nuqqas ta' azzjoni) tal-Kummissarji tat-Taxxi Interni, indipendentement mill-proceduri kriminali li*

*eventwalment tniedu kontrih fuq talba tal-istess Kummissarju. Ghalhekk, filwaqt li huwa evidenti li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jistax jahti ghall-ksur ta' xi wahda mill-garanziji tas-smigh xieraq waqt il-process gudizzjarju ghad-determinazzjoni tal-htija kriminali tar-rikorrent, it-talba u d-decizjoni relattiva li jindirizzaw specifikatament id-dewmien fl-agir attribwit lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni antecedentement ghat-tehid ta' azzjoni kriminali, ghandhom jigu diretti kontra l-istess intimat. Huwa f'dan is-sens li ghandhom isibu applikazzjoni f'dan il-kaz, fil-konfront ta' dan l-intimat id-dispozizzjoniijet tal-Artikolu 181B."*[8]

Kjarment isegwi li għalkemm l-legislazzjonijiet introdotti fi żmien il virus Covid 19 biex jwaqqfu l-imxija ta' l-istess saru b'konsultazjoni mas-Supretindent tas-Saħħa Pubblika, pero il-lat punittiv ta' l-istess ukoll dak ġudizzjarju fis-sens tas-smigħ tal-kontestazzjoni tal-multi inflitti, u kif dawn jistgħu jolqtu d-drittijiet fundamentali sanċiti taħt il-Kostituzzjoni ma jistgħu qatt jimpingu fuq is-Supretindent tas-Saħħa Pubblika, fis-sens li hi tistax b'xi mod tkun kostretta tirrispondi għalihom jew tinsab responsabbli għal kwalunkwe ksur riżultat tagħhom. Il-lanjanza hawn hija purament diretta lejn allegat ksur ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Konsegwentement is-Supretindent tas-Saħħa Pubblika mhux il-legittimu kontradittur biex tirrispondi għal dawn l-allegati lanjanzi wisq anqas biex tagħti kwalunkwe rimedju mitluba.

**Konsegwentement tilqa t-tieni eċċezzjoni u tillibera lis-Supretindent tas-Saħħa Pubblika mill-ossevanza ta' dan il-ġiudizzju.**

**iii. It-tielet eċċezzjoni'**

[8] De`i#joni fl-ismijiet Antonio Busutill vs Kummissarju tal-Pulizija et. Riors 84/12AF deċiża 13 ta' April, 2018

L-intimati jsostnu li minħabba l-mod kif ġew redatti t-talbiet, ir-rikorrenti għamel talbiet in parte b'effetti *inter partes* u oħrajn mressqa taħt l-*actio popolaris* li huma ta' effett *erga omnes,* li minħabba f'hekk hu qed jiġi preġudikat fid-difiza tiegħu ukoll li dan it-taħlit ta' azzjonijiet iġib in-nullita' u mhux legalment sostenibbli**.**

Huma jsostnu dan bil-massima *selecta una via non datum recrusus ad alteram.* Jirreferu għal diversi sentenzi dwar dan il-punt fosthom **Burmarrad Commercials Limited vs Michael Bugeja, Maurine Fabri et vs Global Capital Financial Management Limited, HSBC Bank Malta pla vs Rita Caligari et, Capua Palace Limited vs Boris Arcidiacono, Joseph Cachia nomine vs Paul Zammit et nomine, u H.Vassallo and Sons Limited vs Avukat Ġenerali**. Fuq skorta ta' din il-ġurisprudenza l -intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jsostnu li r-rikorrent qiegħed jipproponi żewġ azzjonijiet differenti – Azzjoni ta' natura Kostituzzjonali msejjsa fuq l-artikolu 39 taħt l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni permezz tat-tielet u r-raba' talba; u (ii) actio popularis sabiex jannulla liġi taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, skont ir-rikorrent taħt l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, permezz tal-ewwel u tat-tieni talba.

Oltre jsostni lit-talbiet kif proposti tant huma nebuluzi li għandha tiġi dikjarata n-nullita' tal-atti kif maħsuba ai termini ta' l-artikolu 798(1) tal-Kap 12, dan fuq il-pretest li huma *qua* intimati ssib diffikulta'biex jifhem il-bazi legali tal-azzjoni proposta u jirrezistu għal istess.

Ikkkunsidrat

Għalkemm il-Qorti ma tirravisax l-estremi ta' nullita' li jsostnu l-intimati, ma tistax ma tikkumentax għal fatt lit-talbiet tar-rikorrenti ma huma xejn feliċi. Fil-fatt tifhem id-diffikulta' li seta' sabu l-intimati li pero ma rrekat ebda preġudizzju

lilhom għaliex ressqu difiża abbli u ssottomettew b'mod ċar u akkademikment sod. Pero fin in fondo dak li qed jitlob ir-rikorrenti, u l-Qorti f'talbiet ta' natura Kostituzzjonali u Konvenzjonali tagħzel minħabba l-istess natura ta' l-azzjoni li tieħu triq ta' anqas rigidita' proċedurali, hu lil Qorti teżamina jekk il-liġijiet prinċipali u sussidjarji applikabbli għal kaz tiegħu jwasslux għal ksur lamentat. Jibqa' l-fatt li jekk dan hu fil-posittiv kull dikjarazzjoni li se tgħadddi biex tagħmel il-Qorti se tolqot biss u unikament lir-rikorrenti, għaliex kull ksur stabbilit jkun biss fir-rigward tal-proċeduri u multi li jmissu lilu, **allura *inter partes*** u huwa biss f'dak ir-rigward lil Qorti se tgħaddi biex tippronunzja ruħha. *Sic et simplicitur*. Qatt ma hi se tilqa ebda talba fil-generalita' tagħha fejn trid tħassir ta' liġi ħlief fil-konfront ta' dak li jolqot lir-rikorrenti, għalkemm taqbel mal-intimati li kif proposti t-talbiet mir-rikorrenti jafu jikreaw ċerta konfuzzjoni u li tant induna bl-istess ir-rikorrenti, li kien ferm skarz jekk mhux għal kollox monk fl-indirizz tiegħu ta' din l-eċċezzjoni in kwantu dak mitlub taħt l-*actio popolaris.*

F'dan ir-rigward il-Qorti inevitabilment tagħmel referenza għal preċett ta' l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni tagħna u limitazzjoni li hemm imposta għal dak li jista' jkun suggett ta' l-*actio popolaris* dan meta tqies lir-rikorrenti qiegħed jistrieħ fuq allegat ksur ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u li fil-verita hu fuq hekk li jsejjes il-kawza tiegħu. Tagħmel ukoll referenza għal dak li ġie deċiż fir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Arnold Cassola vs Avukat ta' l-Istat**.[9]

Oltre dan il-generalita' ta' l-ewwel t-talba twassal il-Qorti għal mistoqsija ovvja u doveruza, għaliex ir-rikorrenti għandu jattakka ir-regolamenti **kollha** inkluzi fl-iskeda tal-Kap 291. Inevitabilment il-Qorti ssaqsi għala r-rikorrenti jrid li jħassar u jikseb dikjarazzjoni ta' nullita' ta' dak kollu inkluz fl-iskeda tal-Kap

[9] Deċiża 11/01/2022 rikors 329/2021

291?. Ir-risposta ovvja hija fin-negattiv. U ma nġabu ebda provi biex immeru dan. Tifhem li hu jrid li jattakka r-regolamenti li jolqtu l-multa inflitta fuqu, u hawn għandu dak l-interess ġuridiku meħtieg, pero huwa monk f'dan fil-kumplament. It-talba atriċi, anke jekk fi kliem l-intimati piutost nebulusa, trid bilfors tiġi eżaminata fil-margni u limitu ta' l-interess tar-rikorrenti. Ċar li hu qed jiggieled il-multa inflitta u l-proċeduri mressqa fil-kuntest tal-istess. Ma wera ebda interess ieħor fl-andament tal-kawza biex jsostni mod ieħor. Għalkemm ma jispettax il-Qorti toqgħod tifli x'jrid r-rikorrenti għax kellu jkun ċar fil-premessi u t-talbiet tiegħu, huwa minn dan il-lat lil Qorti se tgħaddi biex teżamina t-talba u dan a skans ta' spejjez żejda u proċeduri ġudizzjarji ripetuti. Pero terġa tgħid u twiddeb għal mod għal kollox infeliċi li ġew redatti t-talbiet tar-rikorrenti u dan se jirrifletti fl-adebittu ta' l-ispejjez aktar tard.

**Konsegwentement tqies lit-tieni talba tar-rikorrenti hija nsostenibbli u in kwantu BISS għal dik il-parti tat-tielet eċċċezzjoni ta' l-intimati li tolqot dan hija tajba u qed tiġi milqugħa.**

**iv. Ir-raba' eċċezzjoni**.

Ir-raba' eċċezzjoni titratta l-ilment li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi qabel ma għadda għal eżami odjern. L-intimati jirreferu għan-*non exhaustion of domestic or local remedies*, prinċipju li fuqu timxi l-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Biss is-sitwazzjoni internazzjonali hija differenti. Il-Qorti Ewropea trid l-ewwelnett tevita li tkun inondata b'kawżi li jistgħu jirrisolvu ruħhom fil-pajjiżi membri stati stess. It-tieni, ir-rimedju ta' Qorti Internazzjonali għall-allegati ksur tad-drittijiet tal-bniedem huwa eċċezzjonali u għalhekk irid jagħti ċans li l-pajjiż involut li jkun jista' jissottomettu raġunijiet

għala ma kienx hemm bżonn li xi allegat ksur jasal sa din il-Qorti internazzjonali – basta jagħtu r-raġunijiet.

F'dan ir-rigward insibu li **l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Mentri **l-artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea** (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi hekk -

*"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."*

Ingħad hekk fil-deċiżjoni fl-ismijiet **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 t'April 2013[10] u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

[10] Rik Nru 68/11

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

……

*Fil-kawża fl-ismijiet **"Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et"** (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li*

*jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***"Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et"*** *deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm mezzi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[11] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

"*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli.*"[12]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[13]

---

[11] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[12] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[13] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995.

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha."*[14]

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[15]

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrent kellux a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnu u fil-każ affermattiv jekk tali rimedji setgħux jakkordaw rimedju sħiħ għall-lanjanzi kollha tiegħu.

Madankollu tispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li - fil-parametri tal-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni – **tagħżel HI** jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli. Hekk ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[16]:

"*….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

[14] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002

[15] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000

[16] Rik 40/10

Fl-isfond ta’ dawn il-prinċipji l-Qorti tissottolinea li l-lanjanzi tar-rikorrent jirrigwardaw l-applikazzjoni *per se* tal-liġijiet in eżami fil-konfront tiegħu u kif dawn jilledu d-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jirriżultax għalhekk li hemm xi rimedju ordinarju li jista’ jkopri tali lanjanzi stante li Qrati ordinarji, Bordijiet u Tribunali ma għandhomx il-kompetenza li jindagaw dawn l-aspetti tal-liġi.

v. l-intimat jilmenta ukoll illi r-rikorrenti kellu jittanta dawn il-proċeduri wara li jkunu spiċċaw u ġew konklussi l-proċeduri kollha a disposizzjoni tiegħu mill-lat ordinarju, dan għaliex l-eżami ta’ l-artikou 39 tal-Kostituzzjoni għandu jkun wieħed ħollistiku u jieħu in konsiderazzjoni l-proċeduri kollha fit-totalia’ tagħhom, għalhekk li jiġi eżaminat il-proċess fl-assjem kollu tiegħu. Il-Qorti ma taqbilx ma din il-posizzjoni. Ir-rikorrenti qed jiggieled il-ksur Kostituzzjonali lil proċeduri jistgħu jirrekawlu. Qajla jagħmel sens li jħalli dan l-allegat ksur jippersisti imbagħad jfittex rimedju. Dan jingħad ukoll fl-isfond tal-fatt li l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jitkellem mhux biss fuq ksur ta’ dritt fundamentali li ġia seħħ’ imma ukoll fuq li *“...tkun se tiġi jew tkun x’aktarx ser tiġi miksura dwarha.”* Għalhekk hija l-kelma tal-Kostituzzjoni stess li tippermetti t-tfittxija ta’ rimedju ta’ ksur maħsub u pprospettat li fil-fatt għadu ma okkorrix. Jingħad ukoll li huwa dan il-ħsieb li jixpruna mizuri interim biex jwaqqfu provisorjament il-ksur propettat. Konsegwentement ma ssibx lir-rikorrenti agixxa b’mod intempestiv meta ressaq dawn il-proċeduri.

**Konsegwentement ir-raba’ eċċezzjoni ser tiġi miċħuda**.

**4. Liġijiet relevanti:**

**Il-Kostituzzjoni**

39.(1) *Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

**Artikolu 6(1) Tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jgħid hekk:**

*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja;*

**L-Artikolu 44A tal-Kap 465 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar is-Saħħa Pubblika) jiddisponi kif ġej:**

44A. *(1) Fejn akkuża ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att tikkonsisti f'akkuża ta' ksur ta' xi ordni mogħtija mis-Suprintendent elenkata fl-Iskeda tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-persuna akkużata għandha tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja u għandha teħel, meta tinstab ħatja mill-Kummissarju għall-Ġustizzja, hawn iżjed 'il*

*quddiem imsejjaħ "il-Kummissarju", penali bejn mitt euro (€100) u l-għaxart elef euro (€10,000)"*

**Imbagħad fil-Kap 291 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja nsibu dan li ġej:**

L-artikolu 3(2) jgħid hekk:

"*(2) Kull għemil jew nuqqas ma għandux, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqies li hu att kriminali minkejja d-dispożizzjoni ta' dik il-liġi imniżżla fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att, iżda minkejja dan kollu għandu jitqies li jikkostitwixxi reat li għalih Kummissarju jista', skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(2), jordna l-ħlas tal-penali hemmhekk speċifikata."*

**Waqt li l-artikolu 4 tal-istess Kap jgħid dan li ġej dwar il-ħatra tal-Kummissarji:**

*(1) Il-Kummissarji jkunu maħtura mill-Prim Ministru minn fost persuni ta' kwalunkwe sess*

*(2) Kummissarju jkun maħtur għal perijodu ta' sentejn u għandu jħalli l-kariga tiegħu malli jispiċċa l-perijodu tal-ħatra tiegħu.*

*(3) Il-Kummissarji jkunu jistgħu jiġu maħtura mill-ġdid.*

*(4) Matul il-kariga tagħhom il-Kummissarji ma jistgħux jitneħħew ħlief bl-istess mod u għall-istess raġunijiet kif maġistrat jista' jitneħħa mill-kariga.*

*(5) Fl-eżerċizzju tal-funzjoni tiegħu Kummissarju ma jkunx suġġett għad-direzzjoni jew il-kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra.*

*(6) Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali dwar l-astensjoni u r-rikuża ta' maġistrati għandhom japplikaw għall-astensjoni u għar-rikuża ta' Kummissarju*

*(7) Meta Kummissarju jkun hemm oġġezzjoni għalih jew ikun astjena milli joqgħod, jew ikun xort'oħra ma jistax jaġixxi, Kummissarju ieħor għandu jiġi surrogat minfloku mill-Ministru.*

*(8) Imħassar: XXI.1991.43.*

*(9) Mal-ħatra tiegħu, il-Kummissarju jieħu ġurament biex jeżamina u jiddeċiedi l-każijiet miġjuba quddiemu b'imparzjalità u b'ekwità skont il-liġi. Il-ġurament għandu jittieħed quddiem l-Avukat Ġenerali*

*(10) Il-Kummissarju jista' jżomm is-seduti tiegħu f'dawk il-jiem u f'dawk il-ħinijiet kif il-Ministru jista' jiddeċiedi u dawk is-seduti jistgħu jsiru nhar ta' Sibt u barra l-ħinijiet li soltu r-reġistri tal-qrati jkunu magħluqin.*

*(11) Is-seduti għandhom isiru f'dak il-post jew dawk il-postijiet indikati mill-Ministru bħala Tribunali Lokali.*

*(12) Il-mandati jew l-ordnijiet għandhom ikunu ffirmati minn Kummissarju.*

*(13) Il-ġurament lix-xhieda jingħata minn Kummissarju.*

*(14) Il-Kummissarji għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi. Dik ir-rimunerazzjoni ma tistax tinbidel bi żvantaġġ ta' Kummissarju waqt il-perijodu tal-ħatra tiegħu"*

***Imbagħad l-artikolu 11 tal-Kap 291 jagħti ċans lil dak li jkun instab ħati mill-Kummissarju li jitlob reviżjoni fil-Qorti tal-Maġistrati.***

*"(1.) Kull persuna li tħossha aggravata bid-deċiżjoni ta' Kummissarju tista', fi żmien tletin ġurnata mill-jum li fih tingħata dik id-deċiżjoni, tagħmel rikors lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex id-deċiżjoni tal-Kummissarju tiġi revokata jew mibdula, u l-imsemmija qorti tkun minn dak il-ħin vestita b'ġurisdizzjoni li tiddeċiedi dwar il-meriti tar-rikors.*

*(2) Sabiex teżerċita l-funzjonijiet tagħha taħt dan l-artikolu, il-Qorti tal-Maġistrati għandha tipproċedi skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali:*

*Iżda d-deċiżjoni dwar il-meriti tar-rikors lill-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx suġġetta għal appell quddiem xi qorti oħra*

*(3) Il-Qorti tal-Maġistrati tista', jekk jidhrilha li r-rikors ikun frivolu jew vessatorju, tordna lill-appellant iħallas penali ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu(116.47).*

*(4) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(3), (5) u (6) għandhom jgħoddu għal kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati li tikkonferma jew tvarja deċiżjoni tal-Kummissarju, inkluż kull ordni magħmula taħt is-subartikolu (3)."*

Konsiderazzjonijiet ulterjuri

**Mertu.**

**5. Fil-mertu sa fejn jirrigwarda l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni tqies li:**

i. Fl-ewwel lok ir-rikorrent jibaża l-pretensjoni tiegħu b'mod speċjali fuq is-sentenza **'Federation of Estates Agents vs Id-Direttur Ġeneraili (Kompetizzjoni), l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali'** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Mejju 2016. Pero għalkemm dik is-sentenza tiddiskuti prinċipji legali li joltqu l-kaz odjern ad differenza mill-każ in eżami, f'dak il-kaz min kien qed jiġġudika kien id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) filwaqt li f'dan il-każ il-ġudizzju hu mħolli f'idejn il-Kummissarju tal-Ġustizzja li huwa ġarantit indipendenza u imparzjalita' għas-serenita' tal-ġudizzzju tiegħu.

Huwa vera li sal lum, kif kienet is-sitwazzjoni tal-ħatra ta' ġudikant qabel l-emmendi fir-rigward, il-Kummissarju tal-Ġustizzja għadu jiġi maħtur mill-ministru hekk responsabbli. Pero ad differenza mid-Direttur riferut, Kummissarju tal-Ġustizzja jgawdi l-garanziji li liġi tagħti lil Maġistrat. Tant li nsibu li fl-artikolu 4 tal-Kap 291 li hu suġġett għas-solenita' tal-ġurament tal-ħatra [artikolu 4(9)], ukoll għar-regoli tar-rikuża u astensjoni [artikolu 4(5)] ukoll u b'mod kardinali għal l-indipendeza u l-imparzjalita' dovuta u garantita lil Maġistrat sedenti fil-Qrati nostrali [4(18) u 4 (19)].

Għalhekk l-artikolu 4 tal-Kap 291 jorbot sew ma dak li jesigi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' l-imparzjalita'u ndipendenza rikjesta ta' ġudikant.

Konsiderazzjoni oħra tirrigwarda l-appell, fil-kaz mressaq mir-rikorrenti dan kien ad disposizzjoni tiegħu ai terminu ta' l-artikolu 11 tal-Kap 291 su ċitat u dan jadixxi lil Qorti tal-Maġistrati mentri fil-kaz tas-sentenza riferuta mir-rikorrenti kien wieħed li jsir quddiem tribunal. Għalhekk id-Direttur tal-Kompetizzjoni kien qed ikun il-prosekutur u l-ġudikant fl-istess ħin.

ii. Isegwi li jiġi diskuss l-element ieħor ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, l-interpretazzjoni tal-kelma "Qorti" hemm misjuba.

Għal dan l-iskop se terga ssir referenza għas-sentenza kwotatat mir rikorrenti, insibu lil Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tgħid fir-rigward.

"*19. Il-qorti tosserva illi, għalkemm huwa minnu wkoll illi r-regoli tal interpretazzjoni li jgħoddu għal strument internazzjonali bħal ma hija l-Konvenzjoni ma humiex dejjem u bilfors l-istess bħal dawk li għandhom igħoddu għal-liġi domestika, madankollu l-argument tal-Appellanti huwa ħażin, għax il-kunċett ta' "tifsira awtonoma" huwa prinċipju li jgħodd fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal Kostituzzjoni daqskemm igħodd fil-kuntest tal-Konvenzjoni. U rraġuni hija ovvja: għax, li kieku ma kienx hekk, il-leġislatur kien ikun jista' faċilment jegħleb il-garanziji li jagħti l-art. 39 tal Kostituzzjoni billi, b'liġi ordinarja, ineħħi l-kelma "kriminali" mill Kodiċi Kriminali u jsejjaħlu "Kodiċi ta' Reati Amministrattivi" waqt li jħalli l-kontenut sostantiv l-istess u, kif iridu l-Appellanti, il-qorti jkollha "timxi mar-rieda tal-leġislatur". Il-kunċett tat-"tifsira awtonoma" iżda huwa wieħed aċċettat u applikat fil-ġurisprudenza fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni. B'hekk il-qorti ma tkunx qiegħda tqiegħed lilha nfisha 'l fuq mill-parlament, kif igħidu l-Appellanti, iżda tkun qiegħda ma tħallix illi l-parlament iqiegħed lilu nnifsu 'l fuq mill-Kostituzzjoni, ħaġa li, wara kollox, tagħmilha kull meta ssib illi liġi ma għandhiex tingħata effett għax inkonsistenti mal-Kostituzzjoni.*

> ***20. Meta mbagħad l-ewwel qorti, meta ġiet biex tinterpreta l-kelma "qorti", qagħdet "rigorożament ma' dak li hemm imniżżel fil-liġi" flok fittxet "tifsira awtonoma"tal-kelma, dan huwa perfettament ġustifikat bil-fatt illi fl-art. 39(1) il-Kostituzzjoni tgħid illi dwar akkużi kriminali għandu jkun hemm smigħ quddiem "qorti***

***indipendenti u imparzjali" waqt illi, dwar deċiżjonijiet li jolqtu drittijiet ċivili, taħt l-art. 39(2) huwa biżżejjed li l-każ jinstema' minn "qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi". Huwa ovvju mill-kliem tal-art. 39(1) u (2) illi l-Kostituzzjoni ma tifhimx illi l-kelma "qorti" tinkludi wkoll "awtorità oħra ġudikanti". Interpretazzjoni oħra tirrendi superfluwi l-kelmiet "jew awtorità oħra ġudikanti" fl-art. 39(2) u għalhekk ma tkunx interpretazzjoni korretta. Il-kelma "qorti" għalhekk ma tistax ma tfissirx ħlief qorti fis-sens klassiku tal-kelma. " (enfasi tal-Qorti)***

Jidher għalhekk li sa fejn jirrigwarda t-Tribunal ta' Nofs in Nhar dan mhux kompatibbli mar-rekwizit stipulat fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni **trattando ta' tribunal li mhux Qorti skont il-preċett ta' l-artikolu 39(1) diskuss.**

**Tfakkar ukoll l-artikoli 3 u 4 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma komprensivi fl-elenku tagħhom tal-Qrati tal-ġustizzja ta' ġurisdizzzjoni ċivili.**

**6. Huwa doveruz tiġi eżaminata jekk il-multa addebitata lir-rikorrenti għandhix minn in-natura ta' waħda naxxenti minn akkkuza kriminali fis-sens awtonomu ta' charge kriminali kif jew hihiex sempliċi multa ta' natura amministrattiva.**

**i.Ġurisprudenza appplikabbli**

**Demicoli vs Malta**[17]

*"A. Applicability of Article 6 PARA. 1 (art. 6-1)*

---

[17] Demicoli vs Malta -Application no. 13057/87- 27 August 1991

*30. The Government submitted that in Maltese law the breach of privilege proceedings taken against the applicant for defamatory libel were not "criminal" but disciplinary in character.*
*This view, contested by the applicant, was not supported by the Commission. It considered that the proceedings in question involved the determination of a "criminal charge" and that Article 6 para. 1 (art. 6-1) was therefore applicable.*

*31. The Court has already had to determine similar issues in other cases (see the Weber judgment of 22 May 1990, Series A no. 177, p. 17, para. 30, and the other judgments referred to therein). While it is recognized that States have the right to distinguish between criminal offences and disciplinary offences in domestic law, it does not follow that the classification thus made is decisive from the viewpoint of the Convention. The notion of "criminal charge" in Article 6 (art. 6) has an autonomous meaning and the Court must satisfy itself that the line drawn in domestic law does not prejudice the object and purpose of Article 6 (art. 6).*

*In order to determine whether the breach of privilege of which Mr Demicoli was found guilty is to be regarded as "criminal" within the meaning of Article 6 (art. 6), the Court will apply the three criteria which were first laid down in the Engel and Others judgment of 8 June 1976 (Series A no. 22, pp. 34-35, para. 82) and have been consistently applied in the Court's subsequent case-law (see, apart from the judgments referred to above, the Öztürk judgment of 21 February 1984, Series A no. 73, and the Campbell and Fell judgment of 28 June 1984, Series A no. 80).*

*32. It must first be ascertained whether the provisions defining the offence in issue belong, according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently.*

*The legal basis of the proceedings taken against Mr Demicoli was provided by section 11 of the Ordinance (see paragraph 20 above). The applicant argued that the origin of the Maltese law of Parliamentary privilege is to be found in United Kingdom law and that breaches of privilege are referred to as crimes in certain textbooks on English law. As noted by the Commission and the Government, breach of Parliamentary privilege is not formally classified as a crime in Maltese law. In its judgment of 16 May 1986 (see paragraph 15 above), the Civil Court ruled that "the law that provides for the privileges and contempt of the House (chapter 179) is not part of the criminal law of the country". The Constitutional Court, in its judgment of 13 October 1986, did not find it necessary to decide whether "the act constituting the contempt or breach of privilege amounts to a criminal act or not."*

*33. However, as already noted above, the indication afforded by national law is not decisive for the purpose of Article 6 (art. 6). A factor of greater importance is "the very nature of the offence" in question (see, inter alia, the above-mentioned Campbell and Fell judgment, Series A no. 80, p. 36, para. 71, and the above-mentioned Weber judgment, Series A no. 177, p. 18, para. 32).*

*In this context the applicant quoted from the records of the Parliamentary sittings of 4, 17, 18 and 19 March 1986 to highlight the fact that certain Members of the House equated the proceedings taken against him with criminal proceedings. He pointed out that defamatory libel is a criminal offence under the Press Act 1974 (see paragraph 21 above).*

*The Government, on the other hand, submitted that, although some breaches of privilege may also constitute criminal offences, Parliamentary privilege, being concerned with respect for the dignity of the House, pursued a different aim from that of the criminal law. Moreover, defamatory libel may not only constitute an offence under the criminal law, but may also give rise to a civil claim for damages, which may include punitive damages. Furthermore, the non-criminal nature of breaches of privilege was illustrated by the fact that the Ordinance treats perjury before the House as equivalent to perjury before a court in civil and not in criminal matters.*

*Mr Demicoli was not a Member of the House. In the Court's view, the proceedings taken against him in the present case for an act of this sort done outside the House are to be distinguished from other types of breach of privilege proceedings which may be said to be disciplinary in nature in that they relate to the internal regulation and orderly functioning of the House. Section 11(1)(k) potentially affects the whole population since it applies whether the alleged offender is a Member of the House or not and irrespective of where in Malta the publication of the defamatory libel takes place. For the offence thereby defined the Ordinance provides for the imposition of a penal sanction and not a civil claim for damages. From this point of view, therefore, the particular breach of privilege in question is akin to a criminal offence under the Press Act 1974 (see, mutatis mutandis, the above-mentioned Weber judgment, Series A no. 177, p. 18 para. 33 in fine).*

*34. The third criterion is the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. The Court notes that in the present case, whilst the House imposed a fine of 250 Maltese liri on the applicant which has not yet been paid or enforced, the maximum*

*penalty he risked was imprisonment for a period not exceeding sixty days or a fine not exceeding 500 Maltese liri or both. What was at stake was thus sufficiently important to warrant classifying the offence with which the applicant was charged as a criminal one under the Convention (see the same judgment, ibid., p. 18, para. 34).*

*35. In conclusion, Article 6 applied in the present case."*

Fil-każ '**ÖZTÜRK v. GERMANY**[18], intqal dan li ġej mill-Qorti Ewropea:

*"Conferring the prosecution and punishment of minor offences on administrative authorities is not inconsistent with the Convention provided that the person concerned is enabled to take any decision thus made against him before a tribunal that does offer the guarantees of Article 6 (art. 6) (see, mutatis mutandis, the above-mentioned Deweer judgment, Series A no. 35, p. 25, § 49, and the Le Compte, Van Leuven and De Meyere judgment of 23 June 1981, Series A no. 43, p. 23, first subparagraph). By removing certain forms of conduct from the category of criminal offences under domestic law, the law-maker may be able to serve the interests of the individual (see, mutatis mutandis, the above-mentioned Engel and others judgment, ibid., p. 33, § 80) as well as the needs of the proper administration of justice, in particular in so far as the judicial authorities are thereby relieved of the task of prosecuting and punishing contraventions - which are numerous but of minor importance - of road traffic rules. The Convention is not opposed to the moves towards "decriminalisation" which are taking place - in extremely varied forms - in the member States of the Council of Europe.*

[18] *Application no.* 8544/79 decided on the 21st February 1984.

*The Government quite rightly insisted on this point. Nevertheless, if the Contracting States were able at their discretion, by classifying an offence as "regulatory" instead of criminal, to exclude the operation of the fundamental clauses of Articles 6 and 7 (art. 6, art. 7), the application of these provisions would be subordinated to their sovereign will. A latitude extending thus far might lead to results incompatible with the object and purpose of the Convention. Ozturk vs Germany."*

*"50. Having thus reaffirmed the "autonomy" of the notion of "criminal" as conceived of under Article 6 (art. 6), what the Court must determine is whether or not the "regulatory offence" committed by the applicant was a "criminal" one within the meaning of that Article (art. 6). For this purpose, the Court will rely on the criteria adopted in the above-mentioned Engel and others judgment (ibid., pp. 34-35, § 82). The first matter to be ascertained is whether or not the text defining the offence in issue belongs, according to the legal system of the respondent State, to criminal law; next, the nature of the offence and, finally, the nature and degree of severity of the penalty that the person concerned risked incurring must be examined, having regard to the object and purpose of Article 6 (art. 6), to the ordinary meaning of the terms of that Article (art. 6) and to the laws of the Contracting States."*

*"54. As the contravention committed by Mr. Öztürk was criminal for the purposes of Article 6 (art. 6) of the Convention, there is no need to examine it also in the light of the final criterion stated above (at paragraph 50). The relative lack of seriousness of the penalty at stake*

*(see paragraph 18 above) cannot divest an offence of its inherently criminal character."*

**Fil-każ Bendenoun v France** [19]

"47 . *In the light of its case-law, and in particular of the previously cited Öztürk judgment, it notes, however, that four factors point in the opposite direction.*

*In the first place, the offences with which Mr Bendenoun was charged came under Article 1729 para. 1 of the General Tax Code (see paragraph 34 above). That provision covers all citizens in their capacity as taxpayers, and not a given group with a particular status. It lays down certain requirements, to which it attaches penalties in the event of non-compliance.*

*Secondly, the tax surcharges are intended not as pecuniary compensation for damage but essentially as a punishment to deter reoffending.*

*Thirdly, they are imposed under a general rule, whose purpose is both deterrent and punitive.*

*Lastly, in the instant case the surcharges were very substantial, amounting to FRF 422,534 in respect of Mr Bendenoun personally and FRF 570,398 in respect of his company (see paragraph 13 above); and if he failed to pay, he was liable to be committed to prison by the criminal courts (see paragraph 35 above).*

*Having weighed the various aspects of the case, the Court notes the predominance of those which have a criminal connotation. None of them is decisive on its own, but taken together and cumulatively*

[19] Bendenoun v France Application no. 12547/86 24th February, 1994

*they made the "charge" in issue a "criminal" one within the meaning of Article 6 para. 1 (art. 6-1), which was therefore applicable.*

ii. B'żieda ma dan il-Qorti tagħmel ukoll għal notamenti maħruga mill kunsill Ewropej rigwardanti id-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Funamentali tal-Bniedem, ċioe' il-**Guide on Article 6 of the European Court of Human Rights- Right to a Fair Trail; Criminal Limb**

*"23. The starting-point for the assessment of the applicability of the criminal aspect of Article 6 of the Convention is based on the criteria outlined in Engel and Others v. the Netherlands, 1976 (§§ 82-83):*

*1. classification in domestic law;*

*2. nature of the offence;*

*3. severity of the penalty that the person concerned risks incurring.*

*24. The first criterion is of relative weight and serves only as a starting-point. If domestic law classifies an offence as criminal, then this will be decisive. Otherwise the Court will look behind the national classification and examine the substantive reality of the procedure in question (Gestur Jónsson and Ragnar Halldór Hall v. Iceland [GC], 2020, §§ 85 and 77-78).*

*25. In evaluating the second criterion, which is considered more important (Jussila v. Finland [GC], 2006, § 38), the following factors can be taken into consideration:*

▪ *whether the legal rule in question is directed solely at a specific group or is of a generally binding character (Bendenoun v. France, 1994, § 47);*

*▪ whether the proceedings are instituted by a public body with statutory powers of enforcement (Benham v. the United Kingdom, 1996, § 56);*

*▪ whether the legal rule has a punitive or deterrent purpose (Öztürk v. Germany, 1984, § 53; Bendenoun v. France, 1994, § 47);*

*▪ whether the legal rule seeks to protect the general interests of society usually protected by criminal law (Produkcija Plus Storitveno podjetje d.o.o. v. Slovenia, 2018, § 42);*

*▪ whether the imposition of any penalty is dependent upon a finding of guilt (Benham v. the United Kingdom, 1996, § 56);*

*▪ how comparable procedures are classified in other Council of Europe member States (Öztürk v. Germany, 1984, § 53).*

*26. The third criterion is determined by reference to the maximum potential penalty for which the relevant law provides (Campbell and Fell v. the United Kingdom, 1984, § 72; Demicoli v. Malta, 1991, § 34).*

*27. The second and third criteria laid down in Engel and Others v. the Netherlands, 1976, are alternative and not necessarily cumulative; for Article 6 to be held to be applicable, it suffices that the offence in question should by its nature be regarded as "criminal" from the point of view of the Convention, or that the offence rendered the person liable to a sanction which, by its nature and degree of severity, belongs in general to the "criminal" sphere (Lutz v. Germany, 1987, § 55; Öztürk v. Germany, 1984, § 54). The fact that an offence is not punishable by imprisonment is not in itself decisive, since the relative lack of seriousness of the penalty at stake cannot divest an offence of its inherently criminal character (ibid., § 53; Nicoleta Gheorghe v. Romania, 2012, § 26). A cumulative approach may, however, be adopted where separate analysis of each criterion does not make it*

*possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (Bendenoun v. France, 1994, § 47).”*

7.Tenut kont ta’ dawn ir-referenzi l-Qorti tgħaddi biex tagħmel is-segwenti konstatazzjonijiet:

- Fl-ewwel lok hu permess għal kull pajjiż li jgħaddi legislazzjonijiet biex jirregola u jaħseb għal kull sfera tal-ħajja ta’ kuljum ta’ l-individwi u jipprovdi għal neċessitajiet li jinħolqu fl-anadment ta’ l-amministrazzjoni ta’ l-isess pajjiż, dan pero dejjem fl-isfera ta’ dak meqjus li hu rispettuz tad-drittijiet funadamentali tal-bniedem.
- Tifhem li fl-urgenza li nqalgħet fi żmien tal-Covid 19 kien impellenti fuq l-Awtoritajiet Maltin li jraznu il-firxa u l-imxija ta’ dan il-virus qattiel biex jissalvagwardaw is-saħħa ta’ populazzjoni sħiha tenut kont tal-mixja mgħaġġla tal-istesss virus. **Frankament, u l-Qorti tħoss li hu doveruz fuqha li tgħaddi dan il-kumment li hu ta’ mistħija li xi nies irrisponsabbli ħassew li kellhom dritt jipperikolaw lil terzi billi jinjoraw tali regolamenti**. L-imposizzjoni ta’ multa amministrattiva maħsuba għal dan l-iskop ċioe’ hekk intiża biex tirregola u żżomm l-imxija ta’ dan il-virus, multa li mhux ta’ natura kriminali mogħtija minn tribunal mogħni bil garanziji kollha biex jassigura smigh xieraq ma tilledi ebda dritt fundamentali u taqa’ fl-isfera legislattiva doveruza fuq minn hu mogħbi bl-amministrazzjoni ta’ pajjiżna.
- Bla dubbju l-multa maħsuba għal ksur tar-regolamenti in kontestazzjoni senjatament dawk taħt l-artikolu 44A tal-Kap 465 hija fil-masimu tagħha waħda sostanzjali u xejn negligibbli.

- Daqstant ieħor dawn il-multi huma intiżi biex jolqtu l-populazzjoni n generali, ċioe' kull min hu trasgressiv tar-regolamenti u liġijiet warajhom.
- Ukoll l-artikolu 44A(1) tal-Kap 465 ikkontestat jitkellem fuq **akkuza** ta' ksur ta' ordni, oltre hekk u marbut sfiq ma dan insibu lis-sub inċiż (2 ) ta' l-istess artikolu jittratta ta' *"...persuna akkuzata b'reat kif provdut fis-subartikolu (1) ... persuna li mhijiex abitwalment residenti f'Malta..."*,; minn din id-diċitura hija l-fehma tal-Qorti lil liġi nnifisha ma tħalli ebda dubbju fir-rigward tan-natura ta' l-akkuzi hemm maħsuba. Il-liġi hija ċara, hawn titkellem fuq akkużi eminenti minn reati li jġorru magħhom multa ta' ammont ferm sostanzjali.

**Illi magħmula dawn il-konstatazzjonijiet il-Qorti tasal għal konklussjoni li nonostante kull nomenklatura li tista tiġi ndirizzata lejn il-multa maħsuba ai terminu ta' l-artikolu 44A tal-Kap 465 għal ksur tar-regolamenti relattati fl-iskeda tal-Kap 291, din hija waħda ta' natura kriminali, fis-sens mifhum ta' "*charge*" kriminali.**

8 Il-konsegwenza ta' dan appena konkluss allura hi, illi minn hu adebittat b'tali akkuza li jwassalu għal tali multi punitivi kif analiżat, biex jiġi sodisfatt il-preċett ta' l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni fil-konfront tiegħu, jinħtieg li "*jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

Mill-analiżi li sar fil-kaz in eżami huwa ċar li dan ma ġiex akkordat lir-rikorrenti.

**Konsegwentement tenut il-premess il-Qorti taqta u tiddeċidi kif ġej:**

**1. Tilqa l-ewwel talba u tiddikjara illi l-artikolu 44A tal-Kap 465 tal-Liġijiet ta' Malta u l-inklużjoni fl-Iskeda tal-Kap 291 tal-Liġijiet ta'Malta tar-regolament <u>sa fejn jolqot biss lir-rikorrenti</u> fil-kaz in deżamina (L.S 465.29) huma inkompatibbli u nkonsistenti mad-dispost tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

**2. Konsegwentement tilqa t-tielet talba u tiddikjara illi l-proċeduri legali isititwiti kontra r-rikorrenti quddiem it-Tribunal Lokali Nofs in-Nhar u t-tkomplija ta' l-istess proċeduri qed jilledu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

**3 Tilqa r-raba' talba u tiddikjara lil proċeduri mibdija kontra ir-rikorrenti permezz tal-Avviż ta' Kontravenzjoni tal-10 ta' Marzu, 2021 huma nulli u/jew m'għandhomx effett għal finijiet kollha tal-liġi.**

**Konsegwetement**

**4.Tasstjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati għar-ragunijiet ġia dedotti.**

**5 Tilqa t-tieni eċċezzjoni u tillibera lis-Supretindent tas-Saħħa Pubblika mill-osservanza ta' dan il-ġudizzju.**

**6 Tilqa <u>n parte</u> it-tielet eċċezzjoni <u>BISS</u> fejn jirrgwarda t-talbiet *erga omnes* u tiċħadha fil-kumplament b'dan għalhekk li qed tiġi miċħuda t-tieni talba tar-rikorrenti.**

**7.Tiċħad is-sitt talba n kwantu tqies illi id-dikjarzzjonijiet hawn magħmula huma *just satisfaction* biżżejjed u m'hemmx bżonn li jiġi akkordat xi kumpens ulterjuri.**

**8. In vista tal-mod kif ġew redatti ċertu talbiet tar-rikorrenti l-Qorti hija tal-fehma li kull parti għandha tbagħti l-ispejjez tagħha.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep Reg**